REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/151

tas-27 ta' Jannar 2017

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-annotazzjonijiet fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fl-Unjoni u r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]) u b'mod partikolari l-fraži ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1), l-Artikolu 24(2), l-Artikolu 25, l-Artikolu 26(2) u l-Artikolu 28(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet u t-tranżitu fl-Unjoni ta' tjur u prodotti tat-tjur (il-prodotti). L-istess Regolament jistipula li l-prodotti għandhom jiġu importati fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu biss mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kumpartimenti elenkati fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella stipulata fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(2) Ir-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 iqisu jekk humiex meħtieġa kundizzjonijiet speċifiċi minħabba l-istat tal-mard f'dawk il-pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti, inkluż it-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar għall-mard tat-tjur differenti, kif xieraq. Dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi, kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji li għandhom jakkumpanjaw dawk il-prodotti waqt l-importazzjonijiet u t-tranżitu fl-Unjoni, huma stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Minħabba l-eżitu negattiv tal-verifika mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' Iżrael tal-kontrolli tas-saħħa tal-annimali għat-tjur u l-prodotti tat-tjur, ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/608 ([4]), sabiex jiġu sospiżi l-importazzjonijiet mill-Iżrael ta' ċerti prodotti u sabiex jiġi introdott ittestjar addizzjonali ta' qatgħat tat-tjur għall-marda ta' Newcastle qabel il-konsenja lejn l-Unjoni ta' ċerti prodotti oħra inklużi tjur ħajjin, flieles ta' ġurnata, bajd għat-tfaqqis, bajd għall-ipproċessar u laħam tat-tjur.

(4) L-Iżrael issa għarraf lill-Kummissjoni li biħsiebu jabolixxi l-politika ta' qerda tiegħu għall-marda ta' Newcastle għat-tjur li jinżammu f'azjendi agrikoli li jinsabu fit-territorju tal-Iżrael, fit-tramuntana tar-Rotta Nru 5. Barra minn hekk, minħabba prijoritajiet oħra fis-settur tas-saħħa, il-konformità ma' ċerti rekwiżiti għall-ittestjar fil-laboratorju ma tistax tibqa' tiġi garantita.

(5) Għalhekk, il-lista fit-tabella stipulata fil-Parti 1 tal-Anness I għandha tiġi emendata sabiex tipprojbixxi l-importazzjonijiet u t-tranżitu fl-Unjoni mit-territorju kollu tal-Iżrael tat-tjur ħajjin u tar-ratiti, tal-bajd għat-tfaqqis u tal-laħam tat-tjur u tar-ratiti kif ukoll tal-bajd għall-ipproċessar. Madankollu, l-importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/608, għandhom ikomplu jiġu awtorizzati mit-territorju tal-Iżrael li jinsab fin-Nofsinhar tar-Rotta Nru 5, fejn l-inċidenza tal-marda ta' Newcastle hija aktar baxxa u l-politika ta' qerda għadha fis-seħħ.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/608 tal-14 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-annotazzjonijiet tal-Ukraina u l-Iżrael fil-lista ta' pajjiżi terzi, l-approvazzjoni tal-programm ta' kontroll tal-Ukraina għas-Salmonella fit-tiġieġ li jbidu, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja dwar il-marda ta' Newcastle u r-rekwiżiti tal-iproċessar ta' prodotti tal-bajd (ĠU L 101, 18.4.2015, p. 1).

(6) L-importazzjonijiet ta' bajd u ta' prodotti tal-bajd lejn l-Unjoni mill-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huma awtorizzati. Hija talbet ukoll l-awtorizzazzjoni għall-importazzjonijiet tal-laħam tat-tjur lejn l-Unjoni. Verifika li saret mill-Kummissjoni f'Jannar 2016 ikkonkludiet li dak il-pajjiż terz jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur lejn l-Unjoni. L-annotazzjoni għal dak il-pajjiż terz fit-tabella stipulata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata.

(7) Fil-qafas tal-verifika li saret f'Jannar 2016 dwar l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ġie nnotat li dan il-pajjiż terz mhux biss joqtol it-tjur li jkunu trabbew fit-territorju tiegħu iżda wkoll tjur li jew ikunu ġew importati minn pajjiż terz ieħor elenkat għal dak il-prodott fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 skont kundizzjonijiet li huma tal-anqas ekwivalenti għal dawk ta' dak ir-Regolament jew tjur li jkunu ġew importati qabel lejn it-territorju tiegħu minn Stat Membru.

(8) Ir-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur (POU) minn pajjiż terz elenkat fit-tabella stipulata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż awtorizzat għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, jirreferu għal-laħam miksub minn tjur ħajjin li qabel kienu importati lejn l-imsemmi pajjiż terz minn pajjiż terz ieħor elenkat fit-tabella stipulata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, ir-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja ma jirreferux għal-laħam miksub minn tjur ħajjin importati minn Stat Membru għal qtil sussegwenti f'dak il-pajjiż terz, bil-ħsieb li l-laħam wara jerġa' jiġi impurtat lejn l-Unjoni.

(9) Minħabba l-istatus favorevoli tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, u r-riskji negliġibbli għas-saħħa tat-tjur involuti f'tali prattiki, il-mudell ta' ċertifikat veterinarju għal-laħam tat-tjur (POU) stipulat fil-Parti 2 tal-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għandu jiġi emendat sabiex jinkludi d-dispożizzjoni ta' ċertifikazzjoni li l-laħam tat-tjur jista' jinkiseb minn tjur li jkunu ġew importati qabel minn Stat Membru għal qtil sussegwenti.

(10) Fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, il-mudell ta' ċertifikat veterinarju huwa stipulat għall-prodotti tal-bajd (EP). F'dak il-mudell ta' ċertifikat veterinarju, il-Parti I tan-Noti tirreferi għall-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (HS) li għandhom jiġu indikati fil-Kaxxa I.19. tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat.

(11) Meta jitqies li prodott tal-bajd "isfar tal-bajd" jista' jiġi kklassifikat f'diversi subintestaturi tal-intestatura HS 21.06, u mhux biss fis-subintestatura 21.06.10, huwa xieraq li l-mudell ta' ċertifikat veterinarju (PE) jiġi emendat kif xieraq.

(12) Għalhekk, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(13) Qabel ma l-mudelli ta' ċertifikati veterinarji emendati jsiru obbligatorji għandu jitħalla jgħaddi perjodu tranżitorju ta' żmien raġonevoli, u dan sabiex l-Istati Membri u l-industrija jkunu jistgħu jitħallew jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti fil-mudelli ta' ċertifikati veterinarji emendati.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu ta' tranżizzjoni sat-28 ta' Marzu 2017, l-Istati Membri għandhom ikomplu jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinji ta' prodotti koperti mill-mudell ta' ċertifikat veterinarju għal-laħam tat-tjur (POU) u l-mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-prodotti tal-bajd (EP), kif stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, fil-verżjonijiet tagħhom qabel l-emendi magħmula lil dawk il-mudelli b'dan ir-Regolament, sakemm ikunu ġew iffirmati qabel it-28 ta' Frar 2017.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness I ġ]ar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-Iżrael tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influwenza avjarja	Status tat-tilqim kontra l-influwenza avjarja	Status tal-kontroll tas-salmonella (6)
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data tal-għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"IL — Iżrael (5)	IL-0	Il-pajjiż kollu	SPF, EP							
			BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, LT20	X	P3	28.1.2017		A		S5, ST1
			SRP		P3	18.4.2015				
			RAT	X	P3	28.1.2017				
			WGM	VIII	P3	18.4.2015				
			E	X	P3	28.1.2017				S4"
	IL-1	Iż-żona fin-Nofsinhar tar-Rotta Nru 5	POU	X	N					
	IL-2	Iż-żona fin-Nofsinhar tar-Rotta Nru 5	POU	X	P3	28.1.2017				

(b) l-annotazzjoni għall-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influwenza avjarja	Status tat-tilqim kontra l-influwenza avjarja	Status tal-kontroll tas-salmonella (6)
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data tal-għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"MK-l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (4)	MK-0 (4)	Il-pajjiż kollu	POU							
			E, EP"							

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) Il-mudell ta' ċertifikat veterinarju POU qed jinbidel b'dan li ġej:

"**Mudell ta' ċertifikat veterinarju għal-laħam tat-tjur (POU)**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Speditur Isem Indirizz Pajjiż In-numru tat-telefown		I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż In-numru tat-telefown		I.6.	
I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi tal-ISO	I.8 Reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi tal-ISO	I.10.	
I.11. Post ta' oriġini Isem Indirizz	In-numru tal-approvazzjoni	I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Il-mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi SA)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐		I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur		I.24.	

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:

Konsum uman ☐

I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

In-numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti

Speċi (isem xjentifiku)	Biċċerija	Impjant tat-tqattigħ	Maħżen kiesaħ	Numru ta' pakketti	Piż nett

PAJJIŻ: **POU (laħam tat-tjur)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1 **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jiena mgħarraf bid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u b'dan qed niċċertifika li l-laħam tat-tjur ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) ġej minn stabbiliment/i li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet II u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet qabel u wara l-qatla li saru skont it-Taqsima IV, Kapitolu V tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) jissodisfa l-kriterji rilevanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, intlaħqu;

([2]) [(g) jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-*Salmonella* għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd.]

II.2 **Attestazzjoni marbuta mas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-laħam tat-tjur deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1 ġej minn:

([3]) ([4]) ([6]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([4]) ([5]) *jew* [kumpartiment(i) .....;]

li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, kien ħieles (kienu ħielsa) minn:

l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

il-marda ta' Newcastle kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.2.2 inkiseb minn tjur li:

([4]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([4]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(l-isem u t-tip ta' tilqim użat)

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

II.2.3 inkiseb minn tjur li nżammu fi:

([3]) ([4]) ([9]) *jew* [it-territorju(i) bil-kodiċi .....;]

([4]) ([5]) ([9]) *jew* [kumpartiment(i) .....;]

([4]) *jew* [mindu faqqsu jew ġew importati bħala tjur għajr tjur ratiti (flieles ta' jum, tjur tat-tgħammir jew produttivi, tjur tal-qatla jew tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-priża) minn pajjiż/i terz/i elenkat/i għal dak il-prodott fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 skont kundizzjonijiet li huma tal-anqas ekwivalenti għal dawk ta' dak ir-Regolament;]

PAJJIŻ: **POU (laħam tat-tjur)**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(4) *jew* [mindu faqqsu jew ġew importati bħala tjur għajr tjur ratiti (flieles ta' jum, tjur tat-tgħammir jew produttivi, tjur tal-qatla jew tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-priża) minn Stat(i) Membru/i.]

II.2.4 inkiseb minn tjur li ġejjin minn stabbilimenti:

(a) li mhuma soġġetti għall-ebda restrizzjoni dwar is-saħħa tal-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km madwarhom, inkluż, fejn ikun xieraq, fit-territorju ta' pajjiż ieħor li jmiss magħhom, ma kien hemm l-ebda każ tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle tal-anqas fit-30 jum ta' qabel;

II.2.5 inkiseb minn tjur li:

(7) (a) inqatlu fi ..... (jj/xx/ssss) jew bejn ..... (jj/xx/ssss) u ..... (jj/xx/ssss)

(b) ma nqatlu taħt l-ebda skema tas-saħħa tal-annimali għall-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tat-tjur;

(c) waqt it-trasport lejn il-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur infettati bl-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew bil-marda ta' Newcastle;

II.2.6 (a) ġej minn biċċeriji approvati li, fil-ħin tal-qatla, ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba tifqigħa suspettata jew ikkonfermata tal-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle u f'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal tal-anqas fit-30 jum ta' qabel;

(b) fil-ħin tal-qatla, tat-tqattigħ, tal-ħżin jew tal-ġarr ma ġiex f'kuntatt ma' tjur jew ma' laħam fi stat ta' saħħa inferjuri;

(8) [II.2.7 ġej minn tjur tal-qatla li:

(a) ma tlaqqmux b'vaċċini ppreparati minn żerriegħa ewlenija tal-virus tal-marda ta' Newcastle li turi patoġeniċità ogħla mir-razez lentoġeniċi tal-virus;

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali fil-ħin tal-qatla fuq kampjun każwali kloakali minn tal-anqas 60 tajra f'kull qatgħa kkonċernata u li fih ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi ta' Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) ma ġewx f'kuntatt fit-30 jum ta' qabel il-qatla ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b).]

(10) [II.2.8 ġejjin minn qatgħat ta' tjur tal-qatla li kienu eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008].

II.3 Attestazzjoni tal-benesseri tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-laħam frisk deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġej minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija, qabel u waqt il-qatla, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ssodisfaw ir-rekwiżiti li huma tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment minn fejn jintbagħtu.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'konteniturі jew f'kaxex, l-għadd totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u, meta jkun hemm numru tas-serje tas-siġill, dan għandu jingħata fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi x-xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 02.07, 02.08 jew 05.04.

PAJJIŻ: **POU (laħam tat-tjur)**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

(1) "Laħam tat-tjur" tfisser il-partijiet li jittieklu ta' tjur imkabbra fl-irziezet li mhumiex ikkunsidrati bħala domestiċi iżda li huma mkabbra bħala annimali domestiċi, bl-eċċezzjoni tar-ratiti, li ma sarilhom l-ebda trattament minbarra trattament kiesaħ biex jiżgura l-preservazzjoni; laħam ippakkjat billi titneħħielu l-arja mill-imballaġġ, jew laħam ippakkjat f'atmosfera kkontrollata għandu wkoll ikollu miegħu ċertifikat konformi ma' dan il-mudell.

Nota: Dan jinkludi l-laħam tal-hekk imsejħa "għasafar tal-priża mrobbija".

(2) Ħassar jekk il-konsenja mhix maħsuba għall-importazzjoni lejn l-Iżvezja jew il-Finlandja.

(3) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.

(4) Żomm skont ir-rilevanza.

(5) Daħħal l-isem tal-kumpartiment(i).

(6) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għal-laħam tat-tjur (POU) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

(7) Indika d-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx ikunu permessi meta jinkiseb minn tjur li nqatlu fit-territorju jew fil-kumpartiment(i) imsemmi(ja) fil-punt II.2.1 matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju jew minn dan/dawn il-kumpartiment(i).

(8) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni "VI" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(9) Jekk il-laħam ġej minn tjur għajr tjur ratiti, bħal flieles ta' jum, tjur tat-tgħammir jew produttivi, tjur tal-qatla jew tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-priża li joriġinaw minn (a) Stat(i) Membru/i jew (b) pajjiż(i) terz(i) ieħor/oħrajn elenkat(i) fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott fl-Unjoni, il-kodiċi(jiet) tal-Istat(i) Membru/i jew tal-pajjiż(i) jew tat-territorju/i ta' dak/dawk il-pajjiż(i) u l-kodiċi tal-pajjiż terz li joqtol it-tjur għandhom jiġu indikati.

(10) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal-laħam tat-tjur li ġej mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Il-kwalifika u t-titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(b) fil-mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-prodotti tal-bajd (EP), fil-Parti I tan-Noti, ir-raba' inċiż li jirreferi għall-Kaxxa I.19 jinbidel b'dan li ġej:

"Kaxxa I.19: uża l-kodiċi x-xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 04.07, 04.08, 35.02 jew 21.06."